# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**4/18**

**Ir-Raba' (4) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ħamis 7 ta' Frar 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużati:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (avża li mpenjat) |
| | Is-Sur Cleaven C Bugeja | - | Kunsillier (avża li xogħol) |
| **Assenti:** | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsilliera (ma avżatx) |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (ma avżax) |
| **Mistieden:** | Is-Sur Christopher Farrugia | - | Accountant |

***Aġenda:***

***1*** ***Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat:*** ***~~40/18 – 48/18, 1/19~~ 40/18 – 47/18, 1/18***
***2*** ***Punti mqajma mill-minuti***
***3*** ***Schedule of Payment***
***4*** ***Financial Indicators***
***5*** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***
***6*** ***Aġġornament***

Il-laqgħa bdiet fis-5.45 ta' filgħaxija.

## *1* Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat ***~~40/18 – 48/18, 1/19~~ 40/18 – 47/18, 1/18***

1.1 Hawnhekk is-Sindku talab għall-korrezzjoni tal-Aġenda ta' dawn il-laqgħat numru - 2/18, 3/18 u tal-4/18 fejn ġibed l-attenzjoni li l-laqgħat kienu mill 40/18 sas 47/18 u 1/18. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tirranġa l-Aġenda li dehru fuq il-*website* tal-Kunsill Lokali.

### 1.2 Laqgħa 40/18 (26 ta' Novembru 2012)

***1.2.1*** Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li dakinhar kienu preżenti s-Sindku, s-Sur Charles Camilleri u s-Sur Stephen Sultana. Il-laqgħa kienet spiċċat bla kworum u sakemm qagħdu jistennew kien informa lil min kien preżenti li kienu ser jaġġornaw għall-Erbgħa li jmiss, 28

ta' Novembru 2012 u ħadd mill-Kunsillieri preżenti dakinhar ma oġġezzjona. Is-Sindku ta' spjegazzjoni li huma minn dejjem kienu isejħu laqgħa wara jumejn ta' xogħol u qatt ma kien irċieva li kienu qed jagħmlu ħażin.

**1.3 Laqgħa 41/18 (L-Erbgħa, 28 ta' Novembru 2012)**

***1.3.1*** Hawnhekk is-Sindku reġa' tenna li dakinhar il-laqgħa reġgħet spiċċat bla kworum peress li kienu preżenti huwa, bħala s-Sindku, s-Sur Sultana u s-Sur Edwin Formosa. Is-Sindku stqarr li meta kien aġġorna għall-Ġimgħa 28 ta' November 2012, ħadd mill-Kunsillieri preżenti ma oġġezzjona. Is-Sindku spjega lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għażel li jġiegħel li l-Kunsill jannulla l-laqgħa peress li skont id-DGL, ma kienux għaddew jumejn sħaħ ta' xogħol mill-laqgħa preċedenti.

**1.4 Laqgħa 42/18 (30 ta' Novembru 2012)**

***1.4.1*** Is-Sindku spjega li din il-laqgħa kienet ġiet eżawrita imma, d-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jġiegħel li l-Kunsill jannulla l-laqgħa peress li skont id-DGL, ma kienux għaddew jumejn sħaħ ta' xogħol mill-laqgħa preċedenti. Is-Sindku fiehem lill-Kunsill li huwa kien ta l-interpretazzjoni tagħha u talab għall-interpretazzjoni tal-Avukat Ġenerali lill-Monitoring Unit iżda, dawn m'aċċettawx.

**1.5 Laqgħa 43/18 (6 ta' Diċembru 2012)**

***1.5.1 Korrezzjoni tal-Minuti :***

1.5.1.1 Punt 2.3 biex tiżdied (,) wara fatt
1.5.1.2 Punt 3.2.1 biex iżżid 'kollox' wara 'jisma''
1.5.1.3 Punt 3.3.1.2 'attapposta' biex issir 'apposta'
1.5.1.4 Punt 3.3.1.5 'qieged' biex issir 'qiegħed'
1.5.1.5 Punt 3.3.1.7 'insemmia' biex issir 'msemmi'
1.5.1.6 Punt 3.3.1.9 'gażżetti' biex issir 'gazzetti'
1.5.1.7 Punt 3.3.1.11 'rabja' biex issir 'rabbja'
1.5.1.8 Punt 3.3.1.12 'sospenduta' biex issir 'ssospenduta'

***1.5.2 Punti mqajma mill-Minuti***: Ma kienx hemm punti mressqa mill-minuti u l-minuti ġew approvati *nem con*.

**1.6 Laqgħa 44/18 (10 ta' Diċembru 2012)**

***1.6.1*** Din il-laqgħa ma saritx. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet notifika lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri kollha li l-laqgħa ġiet sospiża peress li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex direzzjoni mid-Dipartment għall-Gvern Lokali dwar ir-rapport lis-Sindku kien għamel kontra l-atteġġjament abbużiv tal-Kunsillier Stephen Sultana u ħass li kellu jipproteġi lill-Kunsillieri l-oħra u lis-Segretarju.

**1.7 Laqgħa 45/18 (17 ta' Diċembru 2012)**

***1.7.1 Korrezzjoni tal-Minuti***

1.7.1.1 Punt 2 biex iżżid 'u' wara '*Schedule'*

1.7.1.2 Punt 3.3 ‘qal’ flok’‘qali’
1.7.1.3 Punt 3.5 ‘jiftħu’ flok ‘jifthu’ wara rispettivament,

***1.7.2 Punti mqajma mill-Minuti***: Ma kienx hemm punti mqajma mill-minuti u l-minuti ġew approvati *nem con*.

**1.8 Laqgħa 46/18 (28 ta’ Diċembru 2012)**

***1.8.1 Korrezzjoni tal-Minuti***
1.8.1.1 Punt 2.3.1 iċ-Ċermen ‘ried’ minflok ic-cermen ‘reid’
1.8.1.2 Punt 2.3.6 ‘am’ biex issir ‘ma’, tal-‘ka’’ issir tal-‘kaz’
1.8.1.3 Punt 2.3.10 ‘jagħddu’ biex issir ‘jgħaddu’
1.8.1.4 Punt 2.3.12 ‘jissewwe’ issir ‘jissewwew’
1.8.1.5 Punt 2.6.12 biex iżżid ‘Beatu’ wara Ġnien (fl-1 linja, u fit-2 linja)
1.8.1.6 Punt 2.6.13 biex iżżid ‘Beatu’ wara Ġnien (fl-1 linja, u fit-2 linja); ‘Dun’ biex issir ‘San’ (it-3 linja); biex tbiddel ‘quddiem’ ma ‘ftit aktar l-isfel’; titnehha ‘u’ min wara ġnien; u iżżid ‘fi Triq il-Parocca’ wara ‘Guze’ Flores’.

***1.8.2 Punti mressqa mill-minuti:***

1.8.2.1 ***Punt 2.5.1 U-Bars*** – Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li huwa u l-ASE kellhom laqgħa mal-propjetarju tal-Logografix u li sar ftehim li għal kull *u-bar* bir-riklam mingħand il-Logografix, il-klienti jħallsu €120 kull sena. Jekk ir-riklam isir mill-Logografix il-Kunsill ma jieħux il-flus għall-permess mill-klijent imma jieħu biss, kull sena, x’inhu dovut mill-Logografix. Jekk il-klijent ma jordnax ir-riklam mingħand il-Logografix, il-klijent ikollu jħallas il-Kunsill Lokali tal-permess apparti l-€120. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma’ din il-proposta *nem con*.

1.8.2.2 ***Punt 2.5.4 Triq il-Lunzjata*** – Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li ġimgħa qabel il-laqgħa kien kiteb lill-Perit Bezzina fuq id-dewmien tax-xogħol fi Triq il-Lunzjata u fuq il-qlib tal-ilma. Dakinhar stess tal-laqgħa reġa’ kiteb lill-Perit u lill-Kuntrattur u tahom ultimatum li jekk ma jlestux it-Triq sal-aħħar ta’ Frar 2013 il-Kunsill kien ser jieħu l-passi neċessarji. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Perit li f’din it-Triq ibatu ħafna mill-għadajjar tal-ilma u li l-Ħadd li għadda s-Sur Charles Camilleri kien tkellem mal-Perit fuq din it-Triq dwar l-ilma u l-qlib tiegħu. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien diġa’ talab għal *topography* tat-Triq biex isir il-kejl professjonali tal-qlib tat-Triq fejn jkunu jistgħu jikkalkulaw il-livelli. Żied jgħid li l-ispejjeż fuq it-Triq ser jiżdied xi ftit, imma b’hekk it-Triq tinbena kif suppost u r-residenti ma jbatux.

1.8.2.3 ***Punt 2.6.7 Malta Philharmonic Orchestra (MPO)***: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li huwa u s-SE kienu tkellmu mal-GreenMT biex jisponsorjaw l-ispejjeż tal-MPO (€450) sabiex isir il-Kunċert fil-Knisja Parrokkjali ta’ Santa Venera u lill-Kunsill Lokali ma joħroġx flus. Is-Sindku żied jgħid li l-GreenMT kien qabel mal-proposta. Is-Sur Camilleri stqarr li l-Kunċert ma kienx irriklamat biżżejjed. Is-Sindku qal li l-Kappillan irriklama l-Kunċert waqt diversi quddies, u li l-Kunsill waħħal il-posters ma’ kull notice board li għandu f’Santa Venera u kien qiegħed irriklamat fuq is-sit elettroniku u tqassmu xi posters f’xi ħwienet.

1.8.2.4 ***Punt 2.6.13 Ġnien Ġuże' Flores***: L-ASE kellha tikteb lill-Bord tal-Bdil tal-Ismijiet fuq il-bdil tal-isem tal-Ġnien Ġużè' Flores għal Ġnien San Ġorġ Preca. Is-Sur Horace J. Anastasi qal lill-Kunsillieri preżenti li kien talab lill-MRRA biex jagħtu lill-Kunsill arblu bil-globu pariġġ dak li hemm mal-kripta fi Triq Il-Parroċċa. L-MRRA ġabulna arblu bil-globu pariġġ 'l ieħor. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien diġa' akkwista l-flus biex tissewwa jew tinbidel il-bażi ta' fejn tkisser l-arblu 'l ieħor u, ppropona li jitqabbad xi bennej u jgħamlilna dan ix-xogħol. Il-Kunsillieri qablu ma'dan.

1.8.2.5 ***Punt 2.6.16 GreenPak/Green MT*** – Is-Sindku qara l-minuta lill-Kunsillieri preżenti. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li saret il-laqgħa mal-Green MT fejn kien hemm preżenti s-Sindku, s-Sur Carmel Camilleri, l-ASE u min-naħa tal-GreenMT kien hemm is-Sur Joe Attard u s-Sinj Marcella Agius. Is-Sur Horace J Anastasi qal li mal-iffirmar tal-kuntratt mal-GreenMT, l-Green MT ser jagħti 2 paketti ta' boroż lil kull resident id-dar u lil dawk li ma jsibuhomx id-dar, ikunu jistgħu jiġbruhom mill-Kunsill Lokali f'ġranet stabbiliti mal-Kunsill stess. Il-GreenMT ser jagħtu wkoll donazzjoni b'ċekk ta' €2000 lill-Kunsill Lokali u mhux ser jkunu marbutin ma' xi tema. L-ASE żiedet tgħid li l-GreenMT ser jagħti lill-Kunsill donazzjoni ta' €450 rigward il-Kunċert li ser jsir mill-Malta Philharmonic Orchestra, fis-7 ta' Frar, 2013.

1.8.2.6 ***Punt 2.6.18 Emblema***- Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri bl-emblemi li rċieva l-Kunsill. Huwa ta spjegazzjoni fuq l-arma tal-fjurdulis. Is-Sindku qal li l-istorja turi li Santa Venera kienet teżisti qabel il-Gran Mastru Wignacourt u qabel il-Portugiż de Vilhena. Is-Sindku ssuġġerixxa li jmorru għall-arma ta' Santa Venera u jagħmluha iżjed moderna u li tirrifletti aktar il-lokal milli Parroċċa. Is-Sur Briffa staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel sejħa lir-residenti u s-Sindku kkonferma dan. Is-Sindku ta spjegazzjoni tas-simboli li ntużaw. Il-kuruna tal-martri, is-salib, il-ġilju u l-palma, r-rand u l-kuluri isfar u ikħal li huma l-kuluri tal-lokal. Is-Sur Camilleri qal li m'hemm xejn dwar l-akwidott u qal li huwa ma togħġbux għall-fatt li m'hemmx l-akwidott. Is-Sur Briffa qal li din trid tiġi approvata mid-Dipartiment. Is-Sindku żied jgħid li bejn l-emblema l-antika u bejn din preżentata minn Gilles Bone, kull ma hemm il-PAX fuq is-Salib u, li kemm il-PAX kif ukoll, il-kuruna bil-għandhom il-kulur ħamrani. Huwa qal li l-emblema hija tal-Lokal u mhux tal-Parroċċa u li għandha tissimbolizza l-kuluri isfar u ikħal tal-Lokal, bis-salib jirrappreżenta l-predikazzjoni, bil-ġilju li jirrappreżenta s-safa' (il-verġinita'), bil-palma li tirrappreżenta l-martirju u r-rand il-glorja. Il-kuruna bejn ir-rand qed tissimbolizza l-glorja fil-martirju.

1.8.2.6.1 Is-Sur Horace J. Anastasi għadda riżoluzzjoni fejn il-Viċi Sindku Ronald Briffa ssekkondah. Meta marru għall-Vot: 2 favur (is-Sindku u l-Viċi Sindku), kontra 1 (is-Sur Charles Camilleri) għax xtaq li jkun hemm l-akwidott u żied jgħid li m'hemm xejn fuq l-iljuni. Is-Sur Camilleri qal li din l-emblema hija aħjar milli għandhu l-Kunsill fil-preżent u li jaqbel mal-kuluri li ntużaw. L-emblema li ntagħżlet għaddiet bi zewġ (2) voti kontra wieħed (1).

1.8.2.6.2 Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv Louise-Anne Gusman biex tagħmel l-imsemmija talba lill-Onorevoli Prim Ministru dwar dan il-bdil ta' stemma.

1.8.2.7 ***Punt 2.6.19 Sound deflectors***: Is-Sindku qal li ħareg it-Tender tal-*acoustic barriers* mit-TM u li dawn ser jagħmluhom it-TM. Żied jgħid li kemm ilu Sindku, kien ressaqha Kunsill sabiex il-MEPA tinfurma lill-Kunsill dwar il-kejl ta' tniġġiż tal-istorbju fiż-żona ta' Triq Reġjunali u r-riżultat ma kienx sabiħ. Is-Sur Anastasi stqarr lir-residenti ilhom ibatu minn dawn il-ħsejjes u l-valur tal-proprjeta' tagħhom twaqqgħet drastikament. Huwa

kien mar fuq il-post kemm-il darba, f'jiem u f'ħinijiet differenti biex jesperjenza dak li jesperjenzaw ir-residenti ta' dina ż-żona u stqarr li veru għaddejjin minn kalvarju. Is-Sur Horace J. Anastasi rrimarka li huwa tħabat ħafna biex l-mini jissaqqfu iżda, nfurmawh li f'dana l-istadju ma setgħux jissaqqfu u għalhekk kien tkellem biex almenu, jiġu nstallati l-imsemmija *acoustic barriers*.

1.8.2.8 ***Punt 2.6.20 Bord tal-Għażla għall-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv***: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti lis-Sinjura Louise-Anne Gusman ingħatat il-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mill-4 ta' Frar 2013 Is-S.E. irringrazzjat lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha.

1.8.2.9 Il-minuti ġew approvati *nem con*.

## 1.9 Sospenzjoni tal-Aġenda

***1.9.1*** Is-Sindku, s-Sur Anastasi talab għas-sospenzjoni tal-Aġenda sabiex jiddiskutu l-*Financial Indicators September 2012* u x-*Schedule of Payment*. Is-Sur Briffa ssekonda din l-proposta.

***1.9.2*** Is-Sindku ntroduċa lill-*Accountant* il-ġdid is-Sur Chris Farrugia.

***1.9.3*** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-eks Accountant tal-Kunsill Lokali s-Sinj Romina Perici Ferrante ma għalqitx l-*financial year* tal-Kunsill. Is-Sur Anastasi fakkar li f'Ġunju, tal-2012, hu kien ippropona li la spiċċa l-kuntratt tas-Sinj. Perici Ferrante għandha tibqa' taħdem mal-Kunsill sakemm ikollna *Accountant* ġdid u, fil-fatt, f'Ġunju, 2012, il-Kunsillieri qablu u, s-Sinj. Perici Ferrante aċċettat li tibqa' taħdem hekk. Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar li m'għalqitx is-sena finanzjarja. Is-SE L-A Gusman rrimarkat lis-Sinj Perici Ferrante kitbet lura li hija għalqet il-kuntratt fl-aħħar ta' Novembru 2012 imma, kemm is-Sindku kif ukoll is-SE ma kienux infurmati dwar dan. Sadanittant, is-Sindku nforma lis-Sur Chris Farrugia sabiex jieħu ħsieb li jagħlaq is-sena 2012 avolja, l-kuntratt tiegħu beda fl-14 ta' Jannar 2013. Madankollu s-Sur Farrugia aċċetta li jagħlaq l-accounts tal-Kunsill għas-sena 2012.

***1.9.4*** Is-Sur Farrugia spjega li l-*Financial Indicators September 2012* li ġew imressqa għall-Kunsill saru mill-eks Accountant is-Sinj Perici Ferrante. Huwa qal li l-Kunsill għandu *snapshot* tad-dħul u spejjeż. Żied jgħid li bħala dħul il-Kunsill kellu kollox sewwa u skont il-figuri tal-baġit. Huwa qal li bħala kontijiet bankarji hemm bilanċ tajjeb. Hawnhekk is-Sindku ta spjegazzjoni ta' liema toroq saru u liema għadhom ser isiru. Il-Kunsill kellhu 4 mit-toroq li kważi se jiswew daqs it-Triq Misraħ il-Barrieri. Żied jgħid li Triq l-Msida se tiġi tiswa' madwar €35000 u li s'issa l-Kunsill beda jħallas għall-Triq Braille li saret fl-Lulju 2012. Is Sur Farrugia żied jgħid li sa Diċembru 2012 il-Kunsill kellu l-*costings* tajbin. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jogħqod attent għall-iskema tal-PPP u li mportanti li jimxu skont il-*commitments* 'l oħra li għandu l-Kunsill. Is-Sindku ta spjegazzjoni kif ġew imqassma l-ispejjeż tat-toroq u qal li ser jitħallsu fi żmien 4 snin.

***1.9.5*** Is-Sur Farrugia qal li huwa ħa jkun il-*point of reference* għall-Kunsill imma huwa ser ikollu xi ħaddiehor biex jgħinu. Huwa semma li ser jkollu bżonn *upgrade* tas-*software* u qiegħed jistenna appuntament minn mal-ITS sabiex ikun jista' jaħdem fuq il-*Fixed Assets register,* eċċ. Is-Sindku kkonferma li dan is-*software* huwa bżonnjuż u li jrid jinxtara u l-Kunsillieri preżenti qablu ma' dan. Dan is-*software* ikun propjeta' tal-Kunsill Lokali.

***1.9.6*** Is-Sur Farrugia qal li huwa jixtieq iserraħ moħħ il-Kunsill Lokali peress lit-toroq jistgħu jiswew iżjed milli jkun ibbaġġitjat għalihom. Is-Sindku qal li hemm ukoll, €140,000 li ser jitħallsu mill-UIF funds u dawn ser jmorru għal Misraħ Santa Venera. Is-Sur Farrugia tenna jgħid li huwa għadu qed jipprova jieħu nformazzjoni peress li l-*Accountant* ta' qabel ma tagħtux *handover*. Dan ikkonfermawh kemm is-Sindku kif ukoll, s-Segretarju Eżekuttiv li l-*Accountant* Ms Perici Ferrante ma għalqitx l-*accounts* u lanqas tagħtu *handover* tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sur Farrugia talab għall-*costings* tat-toroq ħalli jkun jista' jippjana mal-Kunsill fuq spejjeż u dħul. Is-SE qalet li bħalissa qegħdin iħallsu 40% tal-kontijiet tat-toroq, imbagħad jitqassmu 20%, 20% u 20%.

***1.9.7*** Is-Sur Farrugia staqsa fejn wasslu t-toroq. Is-Sindku spjega li Triq Braille saret fis-sajf u bdiet titħallas, Triq l-Imsida tlestiet u ser titħallas max-*Schedule* li kellha tiġi ppreżentata ma' din l-laqgħa. Żied jgħid ukoll, li bħalissa qed isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Lunzjata u din kellha titlesta fl-aħħar ta' Frar 2013 u wara, l-Kuntrattur kellu jibda Misraħ il-Barrieri. Is-Sindku spjega li dawn it-toroq suppost tlestew u bdew jitħallsu sal-aħħar ta' Diċembru, 2012 u kellu jibqa' Misraħ Santa Venera minħabba l-fatt, li kellu joħroġ tender għall-madum eċċ., u Triq Misraħ Il-Barrieri; peress li l-Kuntrattur qiegħed tard f'xogħolu, l-flus għadhom ma ħargux mill-kont Bankarju tal-Kunsill. Is-Sur Farrugia ried jara l-*commitment* tal-Gvern għal dawn il-progetti biex b'għaqal jara kif il-kunsill jista' jħallashom.

***1.9.8*** Is-Sur Farrugia ikkonferma li bħala sors tad-dħul il-Kunsill jirċievi biss mill-allokazzjoni tal-Gvern u permessi. Staqsa ukoll kif il-Kunsill jista' jieħu xi ħlasijiet. Is-Sindku qal li l-Ġonna qegħdin jitlestew sabiex fil-futur qarib ikunu jistgħu jikruhom għat-tiġijiet u riċevimenti. Semma wkoll, li sar ftehim verbali (u issa, se jsir il-kuntratt) mal-Logografix fejn għal kull u-bar li ssir f'Santa Venera, l-Kunsill jirċievi €120 għal kull waħda li titwaħħal. Saret diskussjoni fuq *road markings, street maintenance*, salarji, u l-allokazzjoni, eċċ.

***1.9.9*** Is-Sur Farrugia qal li l-aħjar li l-Kunsill ikollu xi ħaġa fil-bank għal li jista' jinqala. Is-Sindku spjega li meta beda huwa bħala Sindku kien sab defiċit t'anqas minn tlieta fil-mija (- 3%) tal-allokazzjoni. Huwa ħa ħsieb li minflok ġennien bit-tender uża wieħed mill-IPSL u b'hekk iffranka madwar €40000 f'sentejn. Għal-latrina l-Kunsill ma kellux kuntrattur għax kellu ukoll, ħaddiem minn tal-IPSL. Is-Sur Farrugia staqsa fuq l-UIF—Urban Improvement Funds. Is-Sindku qal li sa Diċembru il-Kunsill kellhu €140,000 u l-Bord tal-UIF staqsew jekk il-Kunsill kienx lest li jagħmel tajjeb għal €2,000. Il-Kunsill waqt laqgħa kien approva li joħroġ id-differenza. Is-Sinj Gusman qalet li l-Kunsill applika għall-UIF u rċievew nota li dalwaqt jibgħatu għas-Sindku u għall-SE biex jiffirmaw l-*agreement*.

***1.9.10*** Is-Sur Farrugia intgħarraf li hemm *increments* li jrid jieħu nota tagħhom; is-Sindku infurmah li hemm il-*performance bonus* tas-SE u tal-ħaddiema klerikali. L-SE bgħatitlu wkoll, il-baġit tas-sena l-oħra u xi dokumenti oħra. Is-Sur Farrugia semma li ried jipprepara l-baġit 2013. L-SE talbet lis-Sur Farrugia biex jara jekk jistgħux jikkunsidraw skrivan *part-time* peress li l-iskrivani mhux qed ilaħħqu max-xogħol. Is-SE qalet li peress li Santa Venera aktar minn 7000 resident, huma jistghu jkollhom 2 ħaddiema *full-time* u *full time/part-timer*. Is-Sindku qal li jridu jitolbu permess lid-DGL. Is-Sur Farrugia staqsa li l-Kunsill jekk kienx hemm xi dejn ma' xi *suppliers* u staqsa fuq xi kontijiet pendenti, din l-informazzjoni kellha tghaddihilu s-SE. Is-SE talbet li l-*Accountant* sabiex ilesti il-*quarterly return* u li l-ġimgħa li ġejja jkollhom jagħlqu l-*financial statements* u jibgħatuhom lill-Awditur Ġenerali sal-21 ta' Frar 2013.

### *1.10 Schedule of Payment:*

1.10.1 Ix-*Schedule of Payment* tpoggiet fuq il-mejda. Is-Sindku u l-Kunsillieri preżenti approvaw l-iskeda tal-pagamenti *nem con.* L-iskeda tal-*Petty Cash* ġiet approvata *nem con.*

### 1.11 Laqgħa 47/18 (28 ta' Diċembru 2012)

1.11.1 ***Korrezzjoni***: Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm korrezzjoni għal dawn il-minuti. Ħadd ma kellu korrezzjoni.

***1.11.2 Punti mressqa mill-minuti:*** Ħadd ma kellu punti xi jressaq dwar il-minuti. Il-minuti ġew approvati *nem con.*

### 1.12 Laqgħa 1/19 (22 ta' Jannar 2013)

#### *1.12.1 Korrezzjoni tal-Minuti*

1.12.1.1 Punt 2.1 'Segregarju' biex issir 'Segretarju'
1.12.1.2 Punt 2.2 'fiohom' biex issir 'fihom'; 'ta'' biex issir 'ta'; 'Iffirmaaw' biex issir 'iffirmaw'
1.12.1.3 Punt 2.9 'laqgha' biex issir 'laqgħa'

1.12.2 ***Punti mressqa mill-minuti***: Ma kienx hemm punti mressqa. Il-minuti gew approvati *nem con.*

### 1.13 Kommunikazzjoni mis-Sindku:

#### *1.13.1 Performance Bonus and Appraisal*

1.13.1.2Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li huwa mela l-formoli tal-*performance bonus* għall-Ħaddiema tal-Kunsill u kien qiegħed jirrakkomanda lis-Sinj Juliana Attard u lis-Sur Carmel Busuttil jingħataw 6% u Louise-Anne Gusman tinghata 9%. Is-Sindku staqsa lis-Sur Camilleri għall-opinjoni tiegħu. Is-Sur Camilleri qal li huwa ma jemminx bil-*performance bonus* u li kien ser jastjeni. Is-Sindku ppropona, l-Viċi Sindku ssekkondah u marru għall-vot. Il-Performance Bonuses ġew approvati b'2 voti favur u astensjoni waħda.

#### *1.13.2 Kuntratt Indefinit tas-Sur Carmel Busuttil*

1.13.2.1 Is-Sindku spjega kif l-Aġent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph M Formosa kien ipprepara l-kuntratt indefinit tas-Sur Carmel Busuttil u s-Sindku ftakar li huwa kien iffirmah imma, milli jidher is-Sur JM Formosa ma kienx ħalla kopja fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u allura s-Sur Busuttil kien baqa' bla kuntratt iffirmat peress li ma nstabx. Is-Sindku kompla jispjega li peress lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talbu lill-SE għal-lista tal-ħaddiema li huma fuq kuntratt definit, is-Sinj Gusman kienet bagħtet l-isem tas-Sinj Juliana Attard biss peress li l-Kuntratt tas-Sur Busuttil kien indefinit. Is-Sindku nforma lid-DLG li waqt laqgħa tal-Kunsill huwa kien ser jipproponi lis-SE is-Sinj Gusman tipprepara kuntratt ġdid għas-Sur Busuttil datat mis-6 ta' Diċembru 2010 u jintbagħat lid-DLG; kopja tingħata lis-Sur Busuttil u kopja tinżamm fil-Kunsill. Is-Sur Busuttil kien intbagħat mill-ETC fuq kuntratt indefinit. Il-Kunsillieri qablu ma' dan *nem con.*

**1.13.3 Iċ-Ċint ta' Triq Adelaide Cini**

1.13.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti fuq ċint fi Triq Adelaide Cini. Huwa qal li jekk dan iċ-ċint jitwaqqa' minn suldati mqabbdin minn Cini Institute, u ta' Cini Institute lesti li jċedu parti mill-art tagħhom biex tkun tista' tinfetaħ it-Triq, il-Kunsill għandu jaċċetta. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill jaċċetta dan, il-Kunsill jkollu jtella ċ-ċint mill-ġdid bl-ispejjeż għat-TM/għall-Kunsill; l-aqwa lill-Kunsill ikun igwadanja l-art għat-Triq. Is-Sur Camilleri qal li huwa favur u qabel li jekk Dar Qalb ta' Ġesu' iċedu parti mill-art issir Triq. Is-Sindku ppropona li jekk ta' Cini Institute huma lesti li jċedu parti mill-art u iwaqqgħu ċ-ċint, is-Sindku kien lest li jikteb lit-Transport Malta biex jagħmlu t-triq huma u japplikaw biex Triq Il-Markiż Scicluna tidħol biss, minnha u l-vetturi jistgħu joħorġu biss, minn Triq Romeo Romano. Is-Sindku spjega kif din it-Triq wara li titlesta tagħmel differenza kbira għall-akwati. Il-Proposta għaddiet bi 3 voti favur.

**1.13.4 Appell tat-Tender SVLC T/07/12 – Street/Pavement sweeping, Weeding and Cleaning of soft areas, gardens and playing fields.**

1.13.4.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva appell fuq it-Tender SVLC T/07/12. Is-SE resqet id-dokumenti mitluba mill-Bord tal-Appell. Il-Kunsill għadu ma rċieviex id-data ta meta ser issir dan l-appell.

**1.13.5 Appell fuq il-Gate tal-Methode**

1.13.5.1 Is-Sindku ta' spjegazzjoni li kien attenda għall-appell li kienu għamlu l-Methode fuq il-Gate. Il-Kunsill għandu jirċievi d-deċiżjoni ta' dan l-appell.

**1.13.6 Appell mill-KLSV dwar il-Billboards**

1.13.6.1 Is-Sindku appella mal-MEPA dwar Billboards li qed jitpoġġu f'Santa Venera. Huwa attenda l-ewwel laqgħa tal-Appell. Id-Deċiżjoni għad trid tintbagħat lill-KLSV.

**1.13.7 Skema speċjali tal-ETC**

1.13.7.1 Is-Sindku spjega kif minn din l-iskema għadhom ma ħadmu lill-ħadd peress li ma kienx hemm persuni b'diżabbilita' li kellhom ċertu livell ta' skola meta applikaw mal-ETC.

**1.13.8 Ħaddiema mill-ETC Community Scheme u tal-IPSL**

1.13.8.1 Is-SE spjegat kif minn din l-iskema tal-komunita', l-ETC kellha tibghat 3 ħaddiema. Tnejn diġa' bdew jagħmlu xi xogħol ta' tisbiħ fil-Playground ta' Ġuże' Flores fi Triq il-Parrocca u t-tielet wieħed weġġa' qabel ma beda xogħol mal-Kunsill u qiegħed fuq *long Sick Leave*. L-ETC intgħarrfet dwar dan kollu.

1.13.8.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti kif l-IPSL qabdu u ħadu lill-John Borg mingħajr avviż u mingħajr spjegazzjoni. Is-Sur Anastasi spjega kif is-Sur Saetta tal-IPSL kien suppost kien inkarigat minn xi 15-il ħaddiem mill-iskema komunitarja mill-ETC. Is-Sindku stqarr kif mhux l-ewwel darba li qabad l-imsemmija ħaddiema jiġu aktar minn

siegħa tard, jew ikunu f'lokal ieħor meta suppost kienu jkunu xogħol f'Santa Venera u, meta jirrapporta lis-Sur Saetta kien iħoss li qed jgħattilhom. Il-Ħaddiema meta riedu jaħdmu ħadmu u ħadmu tajjeb iżda, ġara lix-xogħol kienu qed itawwluh għax ma kienux qegħdin jiġu ssorveljati kif suppost. Is-Sur Anastasi żied jgħid li meta rrapporta dan l-aġir tas-Sur Saetta liċ-Ċermen tal-IPSL, dan ħada kontrih u kontra s-Segretarju tal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li hu ma setax joqgħod għal dik l-atteġġjament indixxiplinat u wieġeb bl-istess mod li mmejljah is-Sur Joe Grillo. Is-Sur Anastasi stqarr li hu ħass li l-ħaddiem John Borg inqala' minn Santa Venera minħabba dan l-inċident.

1.13.8.3 Is-Sur Camilleri staqsa jekk il-Kunsill għandux lil xi ħaddiem li jista' jqassam fuljetti, eċċ u s-Sindku wieġeb fl-affirmattiv.

**1.13.9 Il-Fuljett tal-Kunsill ta' Santa Venera**

1.13.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li jekk isib għajnuna mill-Kunsillieri kien lest li jippubblika l-fuljett tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għall-bidu ta' Marzu, 2013. Hu żied jgħid li diġa' pprepara xi artikli u kif isib l-għajnuna jkun jista' jibgħat kollox għall-*printing*.

**1.13.10 Tender for Embellishment works at Misraħ Santa Venera, Santa Venera**

1.13.10.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva direzzjoni mill-Monitoring Unit tad-DLG sabiex jibdew juru t-*tender documents* meta l-Kunsill jirċievi rikjesta. Is-Sindku kien kiteb lid-DLG li meta inħargu *Tenders* qatt ma kienu wrew it-*Tender Documents* imma l-Kunsill Lokali dejjem ta spjegazzjoni adekwata. Għal dan it-Tender, il-Kunsill kien irċieva struzzjonijiet mill-ufficcju tal-Perit Bezzina biex id-dokument ma jingħatax jekk ma jkunx inxtara u, jekk kien hemm minn kellu xi mistoqsijiet, dan kellu jgħaddi l-mistoqsijiet bil-kitba lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, u s-SE kellha tibgħat il-mistoqsijiet lill-Perit u meta tirċievi r-risposti, tgħaddihom lill-*bidder* prospettiv, rispettivament. Is-Sindku żied jgħid li peress li kien diġa' hemm persuni li kienu xtraw dan it-Tender, il-Kunsill ma xtaqx li joħloq preċident. Is-Sindku żied jgħid li peress li kienu irċievu direzzjoni mil-monitoring unit, is-SE kellha tinfurma lil kull minn kien talab biex jara d-Dokument tat-Tender biex jiġi jarah fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. Peress li sar ukoll, ilment mad-Dipartiment li kien għad baqa' ġurnata waħda biss biex jaraw it-tender (dan peress li kienet damet ma ħarget id-direzzjoni mid-Dipartiment) u ma kellhomx biżżejjed ċans biex jippreżentaw id-dokumenti meħtieġa, d-Dipartiment ta' direzzjoni li l-Kunsill jagħmel estensjoni tad-data tal-għeluq. Is-SE ippreparat l-avviż għal fuq il-gazzetta tal-Gvern u d-data ġiet estiża, mill-Ġimgħa 8 ta' Frar għall-Tnejn 11 ta' Frar 2013.

1.13.10.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti minn seta' jkun fuq il-Bord għall-Ftuħ tat-Tender ta' Misraħ Santa Venera u minn seta' jkun fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-istess Tender. Is-Sindku staqsa min seta jattendi t-Tnejn 11 ta' Frar f'nofsinhar għax-*Schedule tat-Tenders*. Il-Viċi Sindku kkonferma li huwa seta' jattendi għall-Aġġudikazzjoni. Is-Sur Camilleri qal li huwa ma xtaqx ikun fuq dan il-bord peress li huwa ma jaqbilx mat-telf ta' *parking spaces* f'Misraħ Santa Venera. Is-Sindku ippropona lis-Sinj Mariella Micallef tkun il-Kunsilliera fuq ix-*Schedule of Tenders* flimkien mas-Sindku u tkun ukoll fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-istess Tender, mas-Sindku u mal-Viċi Sindku. Il-Kunsillieri preżenti qablu dwar dan.

1.13.11 **CCTV fil-Gnien Romeo Romano**

1.13.11.1 Is-Sindku spjega li peress li riedu jużaw il-*modem* li hemm fil-ġnien Romeo Romano biex jittransmettu mis-CCTV, s-SE staqsiet lill MCA jekk jistgħux jittransmettu mill-WIFI li jinsab fil-ġnien. Il-MCA irrispondew li l-WIFI ma jistax jintuża għall-dan il-għan imma ssuggerixxa li l-Kunsill irid juża linja oħra.

1.13.11.2 Is-Sindku informa lis-SE biex tieħu kwotazzjoni għall-linja ġdida sabiex ikunu jistgħu jittransmettu l-*images* tas-CCTV fuq il-*computers* tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preġenti qablu dwar dan.

1.13.12 **Arranġament ġdid mal-Micamed**

1.13.12.1 Is-Sindku spjega li għamel arranġament mal-Micamed sabiex ma jibqgħux jgħaddu l-ilmenti mill-uffiċċju tal-Perit Bezzina peress li kienu qed jitilfu ħafna zmien minn meta kienu qed jirċievu l-ilment sakemm kienu qed imorru jsewwu fuq il-post u ta' dan l-uffiċċju tal-Perit kien qed jitħallas. L-istess kien qed jitħallas John O'Dea meta għall-Kunsill deher li ma kien qed jagħmel xejn. Id-Diretturi tal-Micamed qablu ma' dan u kkonfermaw li ser jibdew isewwu l-bozzoz u ħsarat fi żmien jumejn u mhux fi żmien ħamest ijiem jew aktar. Is-Sindku spjega ukoll li l-Kunsill ta' Santa Venera m'ghandhux x'jaqsam iżjed mal-koordinatur John O'Dea u fuq dan kien diġa spjega f'laqgħat oħra tal-Kunsill u kien ukoll, informa li kull min kellu x'jaqsam. Is-Sindku talab lis-SE biex tinforma lill-uffiċċju tal-Perit fuq l-*agreement* il-ġdid mal-Micamed u li l-Perit mhux ser jibqa jirċievi lmenti dwar bozoz mill-KLSV u mhux ser jibqa jitħallas il-*contracts management fee.* Il-Kunsillieri preżenti qablu ma dan l-arranġament ġdid.

## 1.14 School Permit

1.14.1 Is-Sinj. Daniela Camilleri talbet li jkollha permess biex tidħol sal-iskola *St Theresa College* peress li għandha triplets ta' 3 snin. Il-Kunsill approva li ssir dan il-permess bil-kundizzjoni li l-Pulizija ma jkollha l-ebda oġġezzjoni.

## 1.15 Attendenza tal-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa

1.15.1 Is-Sur Edwin Formosa ma kienx informa fil-ħin lis-SE li ma setax jattendi għall-laqgħat nru. 46/18 u 47/18 tat-28 ta' Diċembru, 2012 u huwa kien ġie imniżżel bħala assenti għal dawk il-laqgħat għax fil-Kunsill Lokali ma rċevejna xejn. Is-Sur Formosa informa lis-SE li huwa kien bagħat *fax* meta ma setax jattendi għal-laqghat numru 46/18 u 47/18 imma, l-Kunsill ma kien irċieva xejn bil-*fax* dakinhar tal-imsemmija laqgħat. Is-Segretarju stqarret lis-Sur Formosa, fil-11 ta' Jannar, 2013, ħalla t-*transmission verification report* tal-*fax*, datat 26 /12/2012 fil-05.06, meta l-laqgħat kienu se jinżammu fit-28 ta' Diċembru, 2012. Is-Sinj. Gusman kompliet tgħid li hi riedet kopja ta' x'bagħat u fis-6 ta' Frar, 2013, is-Sur Formosa bagħat karta miktuba bil-biro fejn kien hemm miktub li ma kienx se jattendi għal-laqgħat għax kien ma jiflaħx u bla data. Fuq dan, il-Kunsill aċċetta lis-Sur Formosa tinbidillu l-attendenza.

## 1.16 Ċnut fi Triq Mons Depiro u Triq Abela

1.16.1 Is-Sindku stqarr li kienu ser jinbnew ċnut fi Triq Mons. Depiro u Triq Abela minħabba l-fatt, li kien qed ikun hemm ġrieden u ħafna ħmieġ u l-Kunsill kien diġa'

naddafhom. Il-Kunsill ma setax jiskopri ta' min huma l-imsemmija siti anki, wara li ntalbet l-għajnuna tal-Pulizija u xi entita' oħra. Is-Sindku rrimarka li fuq dawn iċ-ċnut se jkun hemm l-emblema tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. L-ispejjeż għal dan iċ-ċnut mhux se jkunu aktar minn elf ewro. Il-Kunsillieri preżenti qablu ma dan nem con.

### 1.17 Matul dina l-Leġislatura 2008-2013 u fil-futur qrib

1.17.1 Is-Sindku beda jispjega lill-Kunsillieri preżenti dwar x'sar f'Santa Venera matul dina l-leġislatura. Is-Sur Horace J. Anastasi rrefera għax-xogħol nfrastrutturali. Huwa semma t-toroq residenzjali li nksew bit-tarmak: Trejqa Fleur de Lys, parti kbira minn Triq Il-Kbira San Ġużepp, Triq Patri Franġisk Grech, Sqaq 1 u Sqaq 2 fi Triq Carini, Triq Il-Palazz 'l Aħmar, Triq L-Istampaturi, parti minn Triq Abela, Triq Braille u Triq Msida, bis-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ u Triq Il-Lunzjata li daqt titlesta minn kollox, ukoll. Żied jgħid li ser jibda x-xogħol fi Triq Misraħ Il-Barrieri u Misraħ Santa Venera fejn f'din tal-aħħar se jsirilha xogħol ta' tisbiħ b'tipi differenti ta' ċangaturi, se jkun hemm statwa kbira ta' Santa Venera fuq pedestal li fuq wara tiegħi se jkun hemm l-istatwetta ta' San Pawl Rieqed, magħluqa bil-ħġieġ u se jkun hemm ukoll, post għal funtana. Is-Sindku saħaq li l-Kunsill għandu jkompli jagħmel toroq ġodda bħal Triq San Ġorġ, Triq Ħal Qormi, Triq Reġjunali - għadu kemm ħareġ tender mit-TM għall-*acoustic barriers* f'dina t-triq biex ir-Residenti, jeħilsu ftit mit-tniġġiż tal-arja u tal-istorbju. L-ewwel triq li għandha tinbeda hija Triq Il-Madonna tal-Karmnu (Triq Ġdida fi Triq Msida).

1.17.2 Is-Sindku qal li sar tisbiħ ukoll, fil-latrina ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, fil-Ġonna ewlenin ta' Santa Venera u kważi lest it-tisbiħ ta' Ġnien Ġuże' Flores li, l-Kunsill iddeċieda li jinbidel l-isem għal dak ta' San Ġorġ Preca minħabba li dal-Qaddis Malti miet fi Triq Il-Parroċċa, ftit 'l isfel minn dan il-ġnien. Is-Sur Anastasi fakkar li sentejn ilu l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ħa t-tieni post fil-European Destinations of Excellence (EDEN) fir-rigward tal-Ġonna ta' Casa Leoni (inkluż Romeo Romano) u lis-Sindku kien mistieden biex jattendi seminar fi Brussell iżda, minħabba l-impenji ma setax imur u rrakkomanda li tmur s-Segretarju tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar ukoll, lill-Kunsill ta' Santa Venera ingħaqad mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Tarxien, Bormla u ż-Żebbuġ, Għawdex, fil-FOCUS Group fil-Ministeru tat-Turiżmu sabiex iħajru lit-turisti jiġu jżuru l-itinerarji fil-lokalitajiet tagħna. Is-Sur Anastasi saħaq lill-Kunsill Lokali għandu jippriserva l-wirt storiku ta' dawn il-Ġonna, li għandu jagħmel użu tajjeb minnhom u li, għandu jitlob id-devoluzzjoni tagħhom minħabba l-potenzjal li jgawdu. Huwa irrimarka li dawn il-Ġonna għandhom jintużaw ukoll, għar-Riċevimenti ta' tiġijiet u attivitajiet oħra. Is-Sindku kompla jgħid li hemm bżonn lis-Santwarju tal-Qtates f'dawn il-ġonna jkun aktar attrezzat u l-Kunsill għandu jgħin lill-Voluntieri li jonfqu ħafna flus biex jitimgħuhom, biex jikkurawhom u anki jsewwuhom. F'dawn 'l aħħar ftit snin il-Karmelitani jorganizzaw il-Via Sagra fit-Toroq u fi Ġnien Romeo Romano.

1.17.3 Is-Sur Anastasi semma li hemm bżonn lill-Kunsill jara kif ikollu aktar finanzi ħalli jibni dak il-Park ta' Triq Il-Ferrovija - approvat mill-MEPA, ħalli l-Familji jkollhom post xieraq u attraenti fejn jirrekkrijaw ruħhom. Is-Sindku kompla jgħid li kien hemm xi restawr ta' xi niċeċ u, fuq ir-rawndebawt ta' Santa Venera fi Triq Il-Kbira San Ġużepp.

1.17.4 Is-Sindku qal li beda x-xogħol tal-proġett tal-Ark ta' Wignacourt fuq ir-rawndebawt ta' Santa Venera u, rringrazzja lis-Sindku ta' B'Kara Michael Fenech Adami u lill-Viċi Sindku ta' Santa Venera u, Ċermen tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys Ronald Briffa talli ħadmu flimkien biex irnexxa dana l-proġett ta' patrimonju nazzjonali.

1.17.5 Is-Sur Anastasi spjega dwar it-toroq li ġew u li jridu jiġu one-way. Huwa kompla jgħid dwar it-Timed Parking fi Triq Il-Kanun u li qed jistennew li jkun hawn aktar toroq hekk. Saru diversi tabelli u nżebgħu eluf ta' sinjali tat-traffiku fit-toroq.

1.17.6 Dwar l-ambjent, is-Sur Anastasi rrimarka li nbidlet is-sistema tal-ġbir tal-iskart domestiku - f'borża oskura, li qed jinġabar kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis, il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd mit-8.30 ta' filgħodu 'l quddiem u nhar ta' Tlieta jkun hemm il-ġbir tal-iskart isseparat - f'borża griża, fl-istess ħinijiet. Il-GreenMT ħadu post il-GreenPAK. Kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ġimgħa, jingħata servizz lir-residenti ta' skart goff. Hawn is-Sindku semma li affarijiet żgħar li jidħlu f'vettura u oġġetti bħal kompjuter eċċ., għandhom jittieħdu s-Civic Amenity Site, l-Imrieħel.

1.17.7 Is-Sur Horace J. Anastasi qal dwar il-proġett partikulari li, huwa parti mill-Fabbrika tas-7Up fi Triq Il-Kbira San Ġużepp biex jekk jirnexxi, fih ikun hemm bini ta' Kunsill Lokali ġdid aċċessibli għal kulħadd, librerija diġitali, berġa, uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali u Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani. Dan il-fond jiswa' aktar minn nofs miljun ewro. Is-Sindku qali li ddiskuta mas-Sur Michael Bugeja u mal-Perit tiegħu Cortis biex jerġgħu iġibulna xi pjanti ħalli s-Segretarju tikteb lid-Dipartiment ħalli wara l-Kunsill jkun jista' jitlob xi *loan* mill-BOV. Semma ukoll, li l-kera taċ-Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani ġiet estiża għal sentejn wara talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sur Anastasi fakkar li fil-frattemp, il-Kunsill qed jitlob għad-devoluzzjoni tas-sit biswit l-istess Bini Amministrattiv tiegħu. Is-Sindku saħaq li hemm bżonn jinfetaħ Ċentru għaż-Żgħażagħ u jekk il-Kunsill jsib xi post għandu jagħmel minn kollox sabiex iż-żgħażagħ ikollhom post diċenti fejn jirrekrejaw ruħhom. Is-Sur Camilleri issuġġerixxa biex jippruvaw jieħdu fondi mill-UE u qablu mieghu s-Sur Briffa u s-Sindku.

1.17.8 Is-Sindku stqarr li kellna xi *Youth Exchanges* bis-saħħa tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. L-aħħar wieħed kien *Youth in Action Programme "ON MOVE…ON MOVE..all together* fejn ħadu sehem Santa Venera minn Malta, Croatia u Portugal u ħadu somma flus. Is-Sur Anastasi faħħar lis-Sur Chris Micallef (Gradwat) li huwa minn Santa Venera, għall-inizjattivi tiegħu. Is-Sindku ħeġġeġ biex l-isports, l-arti u l-kultura jingħataw spinta ħafna akbar mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sur Anastasi fakkar lil dawk preżenti lill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera offra lis-Soċjeta' Filarmonika ta' Santa Venera biex sakemm ilestu l-Każin jgħallmu lill-Allievi tagħhom fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju talli kull meta l-allievi jkollhom it-tgħallim hi tibqa' sakemm jispiċċaw.

1.17.9 Is-Sindku rrimarka li matul dina l-leġislatura nżammu diversi attivitajiet li wħud minnhom kienu matul il-jum, filgħaxija u kien hemm li kienu matul il-jum għal xi tliet ijiem. Huwa semma il-Fieri tal-Għasel u tal-Artiġġjanat fil-Ġonna ewlenin ta' Santa Venera, fil-Ministeru tal-Onor. Clyde Puli, fi Triq Il-Kbira San Ġużepp, Festa B'Differenza, Esebizzjonijiet fil-Palazz tal-Iljuni u saħansitra f'Paceville. Semma ukoll, it-Tberik tal-Annimali u tal-Bhejjem. Fakkar li kull sena jkollna il-President's Fun Run fejn il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jieħu sehem attiv u fis-7 ta' dan ix-xahar kienet organizzata serata fil-Knisja Parrokkjali fejn il-Vendrini u Ċittadini oħra setgħu jitpaxxew bil-biċċiet sbieħ li daqqew il-Mużiċisti bravi tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali taħt il-bravissimu Surmast Andre Paul Huber. Is-Sur Anastasi stqarr li hemm bżonn li ngħinu aktar lill-Għaqdiet Lokali.

1.17.10 Is-Sindku fakkar li hawn Kuntratturi ġodda, tal-Ġonna, tal-Knis, tal-*Accounts*, tal-Latrina, tal-Iskart Goff u, reġa' għandna *Contracts' Manager* b'aktar xogħol impenjattiv. Tal-Ġbir ta' Skart u tat-Trasport tal-Anzjani u tal-Ftuħ u l-Għeluq tal-Ġonna, baqgħu l-istess. Dwar l-Anzjani, s-Sur Anastasi saħaq li għandu jkun hemm aktar tgħallim billi jġibu esperti biex jagħmlulhom taħdit. Is-Sindku spjega li dan it-taħdit għandu jkun dwar saħħa, edukazzjoni, arti u kultura, sigurta' u tgħallim ieħor li jixraq lill-Anzjani tagħna. Is-Sur Anastasi semma li hu kien akkwista xi kompjuters użati u tqassmu lil xi individwi u li kienu ngħataw tnejn minnhom liċ-Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani.

1.17.11 Is-Sur Horace J. Anastasi rrimarka dwar il-kalvarju li għaddejjin ħafna residenti minħabba il-ħatt ta' containers tal-20' u tal-40' f'diversi toroq ta' Santa Venera u li jħoss lill-Pulizija tal-Ħamrun mhijiex timxi mal-Kunsill kif jixtieq l-istess Kunsill. Is-Sur Anastasi rrimarka lir-Residenti qegħdin ibatu ħafna u n-Neguzjanti jridu jaħdmu u li hemm bżonn ikun hemm tip ta' kompromess. Huwa jemmen lill-Pulizija għandha tagħti lill-Kunsill deċiżjoni assoluta. Semma wkoll, dawk il-ħafna vetturi bin-numri tal-mobajl u b'xi kliem li juru li jinsabu għall-bejgħ u, għad li jsiru rapporti lill-Pulizija kollox jibqa' l-istess. Semma wkoll, it-Trakkijiet, Trakkijiet bi krejn u vetturi oħra kbar li jipparkjaw fit-toroq ta' Santa Venera u ġieli jdumu għal ġimgħat sħaħ. Is-Sur Anastasi stqarr li l-Lokal ta' Santa Venera maħnuq b'ħafna vetturi u r-Residenti ma jsibux jipparkjaw. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsill 'il Ġdid biex jagħmel studju ħalli jaraw kif se jinħolqu aktar spazji għall-ipparkjar. Is-Sur Anastasi stqarr li hu jirrapporta lis-Supretendent tal-Pulizija tal-Ħamrun u, ġieli lill-Kummissarju fuq droga, prostituzjoni, mġieba ħażina fi ħwienet tax-xorb, każi soċjali u offiżi oħra.

1.17.12 Is-Sur Anastasi fakkar lill-Kunsillieri preżenti li jistgħu jiġu l-Kunsill ir-Residenti u jużaw il-Kompjuters. Semma ukoll, il-WIFI. Hawn is-Sindku ħeġġeġ biex ikun hawn aktar postijiet bl-aċċess għall-WIFI fil-Lokal tagħna. Huwa semma wkoll, biex isir użu aħjar mill-bini tal-iskejjel ta' Santa Venera u l-Kunsill għandu jagħti sehem ħafna akbar lill-Istudenti.

1.17.13 Is-Sur Horace J. Anastasi rrimarka wkoll, dwar l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Louise-Anne Gusman, lill-Uffiċjal Eżekuttiv Carmel (Lino) Busuttil u lill-Iskrivana Juliana Attard. Is-Sindku saħaq fuq l-importanza ta' Staff tajjeb li jaħdem mingħajr biża iżda, b'lealta' lejn il-Lokal u żied, li kien importanti li jikber in-numru tal-istaff għax f'dawn is-sentejn, id-domanda tax-xogħol f'Santa Venera kibret drastikament u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għandu jgħin lill-istess Kunsill billi jżidlu l-allokazzjoni biex ikun jista' idaħħal imqar skrivan/a.

1.17.14 Is-Sur Horace J. Anastasi fakkar lill-Kunsilli preżenti min kienu dawk il-persuni li ngħataw il-premju ta' Ġieħ Santa Venera: s-Sur Charles Cachia, s-Sur Victor Vassallo, s-Sur Michael Caruana, s-Sinj. Angela Hili u Patri Robert Farrugia.

1.17.15 Is-Sindku spjega lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill għandu jixtri *planters* u jpoġġihom f'postijiet bħal Triq Reġjunali, fil-pjazez u fuq il-bankina ta' Triq Il-Ferrovija u, fejn jidhirlu li jsebbħu. Il-Kunsillieri preżenti qablu u s-Sindku ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju biex tibda tixtri minn dawn il-planters.

1.17.16 Fl-aħħar is-Sindku sostna lir-Residenti Vendrini jeleġġu lill-Kunsillieri tagħhom biex jattendu regolarment għal-Laqgħat tal-Kunsill u biex bl-impenn li daħlu għalih ixammru l-kmiem u jaħdmu b'lealta' għall-ġid tal-Lokal ta' Santa Venera biss u għal xejn aktar.

**1.18 Aġġornament**

1.18.1 Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal-Ġimgħa 22 ta' Frar 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Illum, 22 ta' Frar 2013